Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Numru. 13/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Formosa**
**Doreen Formosa**

Numru: 13/2012

Illum 17 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta':

**Joseph Formosa**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Mario u Luigia neé Zammit, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar it-30 ta' Dicembru, 1977 u joqghod St. Margareth, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, dententur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 2178(G)

u

**Doreen Formosa**, ta' tletin (30) sena, bint Angelo u Concetta neé Cassar, imwielda r-Rabat, Ghawdex, nhar is-16 ta' Marzu 1981 u toqghod St. Margareth, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 11181(G)

akkuzati talli bejn is-26 u it-28 ta' April 2009 gewwa fond Nru. 99, The Last Resort, fi Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, f'hinijiet differenti:

1. volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal madwar elf Euro (€1,000) u dan ghad-detriment ta' Katharina Maria Booth;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kienu komplici tar-reat fuq imsemmi u cioé ta' hsara volontarja fuq oggetti mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal madwar elf Euro (€1,000) ghad-detriment ta' Katharina Maria Booth.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "E" – *a fol.* 18).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 25 u 26).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-parti leza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 125) fejn gie verbalizzat li d-depozizzjoni moghtija mill-parti leza fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014 ma setghetx tigi traskritta minhabba raguni teknika u ghaldaqstant il-Qorti ordnat li l-parti leza terga' taghti d-depozizzjoni taghha, kif filfatt ghamlet fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 128 *et seq.*)

Semghet lill-imputat Joseph Formosa jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat li l-imputata Doreen Formosa ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Rat li d-difiza ma ressqetx provi ohra.

Semghet is-sottomissjonijiet finali (*a fol.* 151 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed **PS 428 Carmelo Debattista** (*a fol.* 27 *et seq.*) rigward ir-rapport li gie redatt minnu, liema rapport, li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "CD 1" (*a fol.* 29 *et seq.*), saru xi *updates* fuqu minn surgent iehor.

In kontro-ezami jghid li hu ma kellem lil hadd ghajr illi rcieva r-rapport minn ghand il-parti leza.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehdet ukoll **Katharina Maria Booth** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn qalet li hija tirrisjedi f'numru 99, Triq il-Kbira, Sannat. Tghid li magenbha joqghodu l-imputati. Tixhed li dakinhar tal-akkadut marret Marsalform ghall-habta tas-7.00am u meta rritornat lura sabet ilma fil-bitha. Tghid li telghet fuq il-bejt u rat li l-pajpijiet tat-tank taghha kienu maqtugha. Tixhed li beda hiereg ilma mit-tank tal-ilma taghha, liema ilma beda nizel fil-bitha. Tixhed li marret taghmel rapport l-ghassa. Tispjega li xi granet wara rrealizzat li kellha hsara fl-*air conditioning units*. Tghid li hadet xi ritratti. Tispjega li jezisti access facli hafna mill-bejt tar-residenza tal-imputati ghall-bejt tar-residenza taghha u li l-bejt tal-imputati huwa ftit aktar ghola mill-bejt taghha. Tghid li l-hajt li jissepara l-bjut huwa gholi bejn 2.5-3 metri. Tixhed li fuq in-naha l-ohra hemm *garage* li jinsab aktar fil-baxx. Tghid li fis-26 ta' April 2009 ma rat l-ebda sinjali ta' forza fuq il-proprjeta' taghha. Tispjega ukoll li r-relazzjoni taghha mal-imputati hija hazina u ilha hekk mis-sena 2002 meta ivverifikat mal-MEPA li l-imputati ma kienux qeghdin jibnu skond il-permessi. Tghid li giet mhedda diversi drabi f'hajjitha mill-imputati. Tixhed li ftit granet qabel is-26 ta' April 2009 il-MEPA rrifjutat li tissanzjona l-bini li kien sar fir-residenza tal-imputati.

**Katharina Maria Booth** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn spjegat x'inhuma d-dokumenti li gew ezebiti minnha precedentement u li gew immarkati bhala Dok. "KB 1" sa "KB 5" (*a fol.* 110 *et seq*). Ikkonfermat li l-hsarat li jiffurmaw parti minn dawn il-proceduri saru fil-gurnata tal-Hadd ta' wara li gie michud l-appell tal-imputat. Spjegat li l-ittri "X" u "Y" fuq Dok. "KB 3" (*a fol.* 122) juru l-proprjeta' taghha u tal-imputati rispettivament. Fir-rigward ta' ritratt immarkat bhala Dok. "KB 5" (*a fol.* 124), tixhed hekk: *"It's showing again except from the road level the picture from the opposite house from the road level showing there is not very big difference and easy accessibility onto my roof"* (*a fol.* 130).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 134 *et seq.*), tghid li l-incident in kwistjoni sehh madwar erba' snin qabel. Tghid li kien f'April u li kienet il-gurnata tal-Hadd. Fir-rigward ta' ritratti Dok. "DG 1" u "DG 2" (*a fol.* 59) tghid li dawn ittiehdu jumejn jew tlitt ijiem wara li sabet l-ewwel hsara, u cioé fil-gurnata tal-Hadd, meta sabet l-ilma. Fir-rigward ta' ritratti mmarkati Dok. "KB 3" sa "KB 5" (*a fol.* 122 *et seq*), tghid li dawn ittiehdu ftit taz-zmien ilu. Tghid li mis-sena 2009 gabet il-permessi necessarji biex tibni *washroom* fuq il-proprjeta' taghha. Tghid li meta skopriet bil-hsarat in kwisjtoni marret ghand il-Pulizija immedjatament u fil-frattemp lill-imputati ma kellmithomx. Tghid li ma rat lil hadd mill-imputati jaghmel il-hsarat li semmiet hija pero tghid li rat il-hsarat. Mistoqsija tghid kif waslet ghall-konkluzjoni li setghu kienu l-imputati li ghamlu dawn il-hsarat, wiegbet: *"In two thousand and two (2002) when I came back after three months from New Zealand Mr. Formosa had gone up with his building, he saw me in my yard and he was threatening me, he said I am going to do this, means killing, because I had gone to MEPA and after those three months I had been abroad I asked MEPA, I said I have seen the plans of the architect and would you go and*

*see what's happening because he is building things which are not on plan [...]. From then on it was like insulting by words, doing small things but I mean by pulling plants out or putting the cement on my window"* (*a fol.* 137). Tghid li qed tibbaza s-suspett taghha fl-imputati minhabba li appell li kien ipprezenta l-imputat quddiem it-tribunal tal-MEPA kien gie michud u ftit jiem wara gara dak li sabet fil-proprjeta' taghha.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Stephen Spiteri** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn qal fis-sena 2009 kien biddel it-tank tal-ilma fil-proprjeta' tal-parti leza u dana *stante* li t-tank li kellha kien gie mtaqqab. Jghid: *"ma tistax tghid biex inhu mtaqqab ezattament imma qisu daqqa, qisu girfa"* (*a fol.* 48). Ma jiftakarx ezatt kemm kien thallas pero jghid li hemm l-ircevuta.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li lill-parti leza gie li ghamlilha xoghol iehor ta' *handyman*. Jghid li daqqa fuq tank tal-ilma fuq il-bejt tista' ssir b'hafna affarijiet. Jghid li t-tank li gie mibdul kien wiehed tal-*fibreglass*.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2012, xehed **Joseph Grech** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn qal li huwa ghandu negozju ta' *air-conditioners* u *refregators*, liema negozju jgib l-isem ta' GDA. Jghid li kien hemm zmien fejn gie avvicinat mill-parti leza peress li kellha xi hsara fuq l-*air-conditioner*. Ma jiftakarx id-data ezatt meta. Jghid li meta l-*unit* in kwistjoni ttiehed fil-*workshop* instab li kellu hsarat fir-*radiator*. Jghid li sar ix-xoghol fuqu ghax rah hu personalment. Ra r-ritratti li gew immarkati bhala Dok. "DG 1" u "DG 2" (*a fol.* 59) u ra r-*radiator* in kwistjoni. Mistoqsi jghid jekk il-hsara gietx msewwija minnhom stess wiegeb: *"Ahna konna ghamilna x-xoghol, it-tiswija jew il-bdil kien dak iz-zmien"* (*a fol.* 57). Ma jiftakarx jekk issewwiex jew jekk inbidilx.

**Joseph Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn ikkonferma l-istima li tinsab *a fol.* 59 *tergo*. Jghid li din l-istima giet rilaxxata minnu fis-27 ta' Mejju 2009.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2012, jghid li r-*radiator* kien imtaqqab. Jghid li dan ma giex imtaqqab b'xi haga naturali u anqas b'sadid jew b'xi haga ohra simili. Jghid li l-*air conditioner* kien ghadu pratikament gdid. Jispjega li d-daqqiet saru min naha ta' barra u laqtu r-*radiator* ta' gewwa.

In ri-ezami, li sar fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2012, ra r-ritratti li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "AA" u "BB" (*a fol.* 76 u 77) u filwaqt li fir-rigward ta' ritratt Dok. "AA" ra l-pajp in kwistjoni, meta ra ritratt Dok "BB" qal li dan ir-ritratt jidher minn aktar baxx u li xi haga qisha giet maghfusa u mkaxkra. Jghid li l-hsara ma kienitx wahda naturali.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PS 559 Jason Spiteri** (*a fol.* 60 *et seq.*) rigward ir-rapport li sar lilu mill-parti leza liema rapport jinsab fl-okkorrenza, parti minnu giet mhejjija minnu. Din l-okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JS 1" (*a fol.* 63 *et seq.*)[1]. Jghid li huwa ma marx fuq il-post pero gie muri biss ir-ritratti.

In kontro-ezami jghid li fis-27 ta' April 2009 l-parti leza rrapurtat li sabet xi hsara fil-pajpijiet tal-*geyser* u fit-30 ta' April 2009 irrapurtat li fit-28 ta' April 2009 sabet hsara fir-*radiator* tal-*air conditioner*.

[1] Din l-okkorrenza hija l-istess bhal Dok. "CD 1" (*a fol.* 29 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012, xehed **PC 570 Savio Vassallo** (*a fol.* 85 *et seq.*) fejn qal fis-26 ta' April 2009 mar fir-residenza tal-parti leza u meta telgha fuq il-bejt sab tank li kellu ticrita qisu zewg/tliet pulzieri u l-ilma hiereg minnu. Jghid li l-parti leza qaltlu li kienet qed tissuspetta fil-girien taghha.

In kontro-ezami jghid li ma ra l-ebda *camera* fuq il-post. Ma jiftakarx jekk il-parti leza semmietx xi *camera*.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012, xehdet ukoll **Dorianne Ciantar** (*Board Secretary* tat-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – *a fol.* 88 *et seq.*) fejn ezebiet sentenza moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, liema sentenza, li giet moghtija fit-22 ta' April 2009, giet immarkata bhala Dok. "DC 1" (*a fol.* 90 *et seq.*). Tghid li din id-decizjoni giet mibghuta lill-appellant, u cioé lil Joseph Formosa, fit-23 ta' April 2009.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 103 *et seq.*) rigward ir-rapporti li ghamlet il-parti leza. Jghid li baghat ghaz-zewg imputati u li dawn irrilaxxaw stqarrija kull wiehed, liema stqarrijiet huma dawk immarkati bhala Dok. "FT 1" (*a fol.* 37 *et seq.*) u Dok. "FT 2" (*a fol.* 40 *et seq.*). Jghid li l-istqarrijiet gew mehuda fis-sena 2011 peress li dawn gew mehuda wara sfida li saret lill-Kummissarju tal-Pulizija. Jghid li huwa mar fuq il-post fejn irrizultalu li l-proprjeta' tal-imputati tmiss mal-proprjeta' tal-parti leza. Jghid li ma dahalx gewwa pero minn barra nnota li l-imputati seta' kellhom access ghall-bejt tal-parti leza pero ried ikollhom sellum jew xi haga ohra.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2014, xehed l-imputat **Joseph Formosa** (*a fol.* 140 *et seq.*) fejn beda billi qal li l-parti leza hija gara tieghu. Jichad li huwa kisser xi tank tal-parti leza u li huwa qabez fuq il-proprjeta' taghha. Jikkonferma li l-proprjeta' tal-parti leza u fejn joqghod huwa jmissu ma' xulxin. Jghid li meta l-parti leza tghid li gara l-kaz, il-proprjeta' tieghu kienet sular aktar ghola (madwar hdax-il filata) minn taghha. Jghid li trid tuza sellum biex tinzel ghall-proprjeta' tal-parti leza. Jghid huwa jghix flimkien ma' martu u tlitt itfal. Jghid li fil-gurnata li suppost gara dak li l-parti leza allegat li gara huwa kien Malta. Jghid li ma kien hemm hadd id-dar. Jghid li wara xi sentejn, il-parti leza tellghet karma fuq il-bejt.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta allegatament sehh l-incident huwa mar Malta fis-5.45am. Jghid li, qabel mar Malta, tul il-lejl raqad id-dar f'Ghawdex. Mistoqsi jghid jekk xi jumejn qabel kienx ghadu kif ircieva risposta mill-MEPA rigward applikazzjoni tieghu biex jirregolarizza l-bini tieghu, wiegeb: *"M'ghandix idea. Jiena enforce m'ghand il-MEPA kelli imma m'ghandix idea. Iz-zmien ilu jigifieri"* (*a fol.* 143). Mistoqsi jghid jekk jiftakarx li kien ircieva risposta mill-MEPA, jghid: *"Ma niftakarx; iz-zmien ilu, ma niftakarx"* (*a fol.* 143). Meta rega' gie mistoqsi jekk xi darba rceviex xi risposta minn ghand il-MEPA rigward l-appell tieghu biex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu, wiegeb: *"Karti naf li rcevejt imma m'ghandiex idea; ghax ircevejt kemm il-darba karti, mhux darba"* (*a fol.* 143). Jaqbel li l-appell tieghu kien gie micjud. Mistoqsi jghid jekk jafx li l-parti leza kienet il-persuna li oggezzjonat ghall-applikazzjoni tieghu, jghid: *"ma nafx hix hija jew le, fhimt?"* (*a fol.* 143). Meta gie suggerit lilu li meta dehru l-MEPA, il-parti leza kienet dehret u kien gie mghoddi lilu kopja tal-oggezzjonijiet taghha, wiegeb: *"Kopja ma nafx; ma nafx bil-kopja ta'. Dan iz-zmien ilu; ma niftakarx jien"* (*a fol.* 144). Jghid li l-parti leza ghandha l-*cameras* fil-proprjeta' taghha. Ikkonferma li r-relazzjoni tieghu mal-parti leza hija wahda hazina hafna u li kellhom incidenti ohra fil-passat.

In ri-ezami jghid li l-parti leza ssiefer minn zmien ghal zmien u thalli c-cwievet f'idejn il-hbieb taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FT 1" – *a fol.* 37 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghatat d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat jghid li huwa sar jaf li lill-parti leza xi hadd kien ghamlilha xi haga ghax kien kellmu s-surgent tal-Pulizija  Jghid li dakinhar kien xoghol.  Jichad li ghandu access ghal bejt ta' fejn toqghod il-parti leza.  Jghid li hemm hajt ta' ghaxar filati li jifred il-bejt tieghu ghal bejt tal-parti leza.  Jghid li kif inhu l-bejt tal-parti leza, jista' jitla' kulhadd jekk dak li jkun juza sellum jew jaqbez.  Jichad li huwa ghamel xi hsarat fuq il-proprjeta' tal-parti leza.  Jghid li meta kien qed jibni, il-parti leza waqfitu kemm il-darba mix-xoghol.  Jghid li beda l-inkwiet mal-parti leza meta snin qabel kien qed jibni l-ahhar sular u l-parti leza qaltlu li kien ser jaghtilha l-veduta.  Jghid li l-parti leza kienet irrapurtatu l-MEPA.  Jghid li kienet qaltlu biex jieqaf u ma jkompliex jibni u li sahansitra ghamiltlu mandat biex jieqaf.  Jichad li huwa ghamel xi vendikazzjoni mal-parti leza u ghamel il-hsara fuq il-bejt taghha.

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 40 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat u hija hadet dan id-dritt, l-imputata tghid li hija saret taf li l-parti leza kienet sabet xi hsarat fit-tank li kellha fuq il-bejt u affarijiet simili minhabba li kienet bghatet ittra bl-avukat taghha.  Tghid li hemm madwar sular u nofs gholi mill-bejt tar-residenza taghha ghall-bejt ta' fejn toqghod il-parti leza.

Tghid li hemm hajt gholi, madwar sular, jifridhom. Tghid li biex ikollhom access ghall-bejt tal-parti leza trid sellum bilfors. Tichad li xi darba ghamlet xi hsarat fuq il-proprjeta' tal-parti leza. Mistoqsija tghid jekk ir-ragel taghha qattx ghamel xi haga fuq il-proprjeta' tal-parti leza, tghid: *"Nghid li r-ragel qatt ma jkun id-dar, dejjem xoghol jigi jiekol u jorqod"* (*a fol.* 41). Tghid li l-parti leza hija mqabbda maghhom. Tichad li l-imputat zewgha kien ammetta maghha li huwa kien ghamel il-hsarat fuq il-bejt tal-parti leza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li minkejja li l-proceduri odjerni gew istitwiti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati wara li saret il-procedura ta' sfida mill-parti leza fil-konfront tal--Kummissarju tal-Pulizija (Dok. "F" – *a fol.* 19 *et seq.*) dan il-fatt ghandu semplicement jittiehed **<u>biss</u>** bhala stat ta' fatt u xejn aktar.

Illi l-imputati jinsabu akkuzati b'zewg imputazzjonijiet: li volontarjament ghamlu hsarat fuq affarijiet tal-parti leza u li kienu komplici ta' dan ir-reat.

Illi qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se* migjuba fil-konfront tal-imputati, il-Qorti tinnota li minkejja li kien il-konsulent legali tal-parti leza li semma d-data tas-26 ta' April 2009 fid-domanda tieghu lill-patrocinata tieghu (*a fol.* 33), il-parti leza kienet aktar cara u semmiet ukoll il-gurnata x'kienet: hija tghid li kienet il-gurnata tal-Hadd. Apparti minn dan, mill-bqija tal-atti processwali, fost l-ohrajn mid-depozizzjonijiet moghtija mill-iSpettur Frank Anthony Tabone (*a fol.* 103 *et seq.*), minn PS 428 Carmelo Debattista (*a fol.* 27 *et seq.*) u minn PS 559 Jason Spiteri (*a fol.* 60 *et seq.*), u kif ukoll mir-rapport (Dok.

"CD 1" – *a fol.* 29 *et seq.*)[2] redatt minn PS 428 Carmelo Debattista li fuqu sar *update* minn PS 559 Jason Spiteri, jirrizulta li d-dati li jsiru riferenza ghalihom fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati gew pruvati.

**Ikkunsidrat**

Illi, minghajr dubju, il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazat fuq provi cirkostanzjali. Da parte taghha, id-difiza tikkontendi li mill-atti tal-kawza m'hemm l-ebda ness illi l-imputati wettqu r-reati addebitati lilhom.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer**, deciza fit-8 ta' Mejju 2014, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "F'kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Ellul Vincenti** fit-tlieta (3) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) li kien jittratta kwazi l-istess meritu, l-argumenti tal-ewwel Qorti ukoll ibbazati fuq provi cirkostanzjali u fejn ippretendiet ukoll ic-certezza. Il-Qorti tal-Appell qalet: *"Jinghad mill-bidunett li imkien fil-ligi ma tobbliga lill-Qorti illi hija tkun certa minghajr ombra ta' dubbju dwar htija o meno tal-akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-ren divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghall-fini tal-gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq livell ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni u cioé livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza."* Huwa veru illi dan il-kaz hu principalment

[2] Din l-okkorrenza hija l-istess bhal Dok. "JS 1" (*a fol.* 63 *et seq.*).

ibbazat fuq provi cirkostanzjali u biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wiehed jista' jorbot fuqhom, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi dawn il-provi jippuntaw ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss.

Meta persuna tkun qieghda tikkunsidra biex taghmel reat din taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u responsabiltà taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi indizji illi kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat inkwistjoni".

Il-parti leza xehdet li hija ma ratx lill-imputati jaghmlu dak li qed jigi addebitat lilhom. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- L-imputati u l-parti leza huma girien bid-djar taghhom imissu ma' xulxin. Huma kellhom diversi argumenti bejniethom fil-passat.

- Il-parti leza oggezzjonat sabiex jigi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputati.

- Fit-22 ta' April 2009, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell intavolat mill-imputat Joseph Formosa kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u b'hekk il-Bord ta' l-Appell imsemmi kkonferma r-rifjut tal-permess mitlub minn Formosa.[3]
- Dorianne Ciantar (*Board Secretary* tat-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – *a fol.* 88 *et seq*.) xehdet li din id-decizjoni giet mibghuta lil Joseph Formosa fit-23 ta' April 2009.

[3] *Vide* sentenza Dok. "DC 1" (*a fol.* 90 *et seq*.).

- Il-parti leza xehdet li l-hsarat kagunati lilha kienu jikkonsistu fit-tank tal-ilma u fil-*unit* tal-*air conditioner*, li jinsabu fuq il-bejt, liema hsarat gew misjuba bejn is-26 u t-28 ta' April 2009.

- Meta allegatament saret il-hsara fuq l-affarijiet imsemmija, kien hemm dizlivell ta' madwar hdax il-filata (kif jghid l-imputat stess) bejn il-proprjeta' tal-parti leza u tal-imputata u li permezz ta' sellum ta' tul normali setgha kien hemm access minn proprjeta' ghall-ohra.

- L-imputat jixhed li flimkien mieghu u ma' martu fid-dar joqghodu tlett itfal liema tfal, fiz-zmien tal-akkadut, kellhom minn hdax il-sena u anqas.

- Minkejja li l-imputat jixhed li fid-data tas-26 ta' April 2009 huwa kien Malta u li d-dar ma kien hemm hadd, jixhed li fil-lejl ta' qabel huwa raqad id-dar.

- Fir-rigward tal-hsarat in kwistjoni, mentri Stephen Spiteri xehed li t-tank tal-parti leza kien gie mtaqqab u jghid: *"ma tistax tghid biex inhu mtaqqab ezattament imma qisu daqqa, qisu girfa"* (*a fol.* 48), Joseph Grech xehed li l-hsarat li sab li kienu kagunati fuq ir-*radiator* tal-*air conditioner* ma sarux b'xi haga naturali u anqas b'sadid jew b'xi haga ohra simili anzi jghid li l-*air conditioner* kien ghadu pratikament gdid u li sab xi daqqiet li saru min naha ta' barra u laqtu r-*radiator* ta' gewwa.

- Fid-domandi mistoqsija lill-imputat in kontro-ezami, l-imputat kien evaziv hafna u l-Qorti mhijiex konvinta xejn mir-risposti moghtija mill-imputat ghad-domandi maghmula lilu f'dan il-istadju, specjalment meta kien qed jigi mistoqsi rigward il-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dan kollu, wara li l-Qorti tat piz lill-provi cirkostanzjali li jezistu fl-atti, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni wahda u cioé illi kienu l-imputati li wettqu r-reati addebitati lilhom u b'hekk l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputati ser jinstabu hatja taghhom.

Illi, fir-rigward tal-ammont tal-hsarat in kwistjoni, il-Qorti tinnota li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati jaghmlu riferenza ghas-somma ta' *"madwar elf Euro (€1000.00)"*. Da parte tieghu, Joseph Grech (*a fol.* 69 *et seq.*) ikkonferma l-istima rilaxxata minnu u li tinsab *a fol.* 59 *tergo*, f'liema stima hemm indikat is-somma ta' erba' mija u ghoxrin Euro (€420.00). Minn naha l-ohra, Stephen Spiteri (*a fol.* 48 *et seq.*) xehed li ma jiftakarx ezatt kemm kien thallas fir-rigward tat-tank tal-ilma. Il-Qorti ma jirrizultalha l-ebda dokument in sostenn ta' dan.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati fil-konfront tal-imputati, l-ammont tal-hsarat kagunati u l-fedina penali tal-imputati fejn filwaqt li l-imputata Doreen Formosa ghandha l-fedina penali taghha kompletament nadifa, mhux l-istess jista' jinghad ghall-imputat Joseph Formosa, li ma jistghax jinghad li ghandu l-kondotta tieghu refrattarja.[4] Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta liema piena tkun tikkomprendi ordni ta' hlas mill-imputati ghall-parti leza. Fir-rigward tal-hsarat kagunati, u tenut kont ta' dak li nghad rigward tali hsarat, il-Qorti ser tghaddi biex

[4] *Vide* Dok. "C" u "D" (*a fol.* 13 *et seq.*).

tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* favur il-parti leza fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€600).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 42, 43 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Joseph Formosa u Doreen Formosa hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum u tordna li sa zmien xahar millum l-imputati jhallsu *in solidum* bejniethom is-somma ta' sitt mitt Euro (€600.00) lil Katharina Maria Booth.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata u jekk ma jhallsux is-somma ta' sitt mitt Euro (€600.00) lil Katharina Maria Booth fiz-zmien lilhom moghti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------